MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1039/2006

**APS Bank Limited (C 2192)**

**Vs**
**Makram Hached (ID 184399 M) u**
**Antonella Aquilina (ID 172775 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, hames mija, tnejn u tletin Ewro u tnax-il centezmu (€1532.12), *ossia* sitt mija, tmienja u hamsin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm658.81), rapprezentanti bilanc dovut solidament bejniethom ta' kont kurrenti numru 12798230026 (Dok A anness mat-talba) u dan oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2005.

Illi l-konvenuti interpellati diversi drabi sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, il-konvenuti solidament bejniethom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici, l-imsemmija somma ta' Lm658.81, kif ukoll l-imghax ulterjuri, b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2005, sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez u drittijiet ta' dawn il-proceduri u dawk ta` l-ittra ufficjali 4020/06 datata 26 ta' Gunju, 2006, mibghuta taht l-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenuti solidament bejniethom mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut Makram Hached gie notifikat bl-atti seduta stante fis-26 ta' Novembru, 2007.

Illi l-konvenuta Antonella Aquilina baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha li gew prezentati f'din il-kawza.

Ra illi fis-26 ta' Novembru, 2007 gie pprezentat Kapitolu mill-Avukat Karl Briffa, fil-konfront tal-konvenuta Antonella Aquilina.

Ra illi l-konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Sema` lil Markram Hached jixhed illi l-ammont ghadu dovut u semghu jammetti t-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' elf, hames mija, tnejn u tletin Ewro u tnax-il centezmu (€1532.12), bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------